MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 912/2009

**L-Avukat Dr. Peter Fenech bhala mandatarju specjali ta’ l-assenti Aaron Gatt Floridia, (karta ta’ l-identita` numru 349468 (M))**

**vs**

**Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat fuq indikat datat it-22 ta’ Settembru, 2009, li permezz taghha r-rikorrenti nomine sintetikament espona s-segwenti:

1.1 Illi b’ittra ufficcjali datata t-28 t’Awwissu, 2009, id-Direttur Generali fuq indikat gia` Kummissarju, talab il-hlas tal-ammont hemm indikat minghand Aaron Gatt Floridia f’ismu personali, (ara fol 5);

1.2 Illi l-imsemmija ittra ufficjali giet ipprezentata *ai termini* ta’ l-artikli 59 *et sequitur* ta’ l-Att XXIII ta’ l-1998 biex jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li allegatament ghandu fil-konfront ta’ *Samic Company Limited*, (C – 25814);

1.3 Illi l-imsemmija ittra ufficcjali hi nulla u bla effett stante li ma gietx segwita l-procedura stabbilita fl-artiklu 59 (2) tal-att indikat fil-paragrafu precedenti, senjatament li ma nbaghtet l-ebda nota ta’ talba ghall-hlas dovut, u konsegwentement l-imsemmi Direttur Generali ma ottjena l-ebda titolu ezekuttiv favur tieghu kontra r-rikorrenti nomine fil-kapacita` tieghu personali;

1.4 Illi r-rikorrenti mhux direttur tas-socjeta` *Samic Company Limited* stante li kien irrizenja minn din il-kariga ferm qabel ma nharget l-imsemmija ittra ufficjali, liema rizenja kienet giet debitament notifikata lir-Registratur tal-Kumpaniji;

1.5 Illi l-ittra ufficjali fuq riferita, (ara paragrafu wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel) hi wkoll nulla u bla effett in kwantu r-rikorrenti nomine gie notifikat u nterpellat bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Samic Company Limited* – dikjarazzjoni kjarament zbaljata;

1.6 Illi r-rikorrenti nomine mhux personalment responsabbli ghall-hlas lura tat-taxxa fuq il-valur mizjud kif mitlub stante li mhux direttur tal-kumpanija u allura ma jistax jitqies bhala rapprezentant tal-kumpanija *de quo*;

1.7 Illi l-artiklu 66 (5) tal-Att XXIII tal-1998 ma japplikax ghall-esponenti nomine personalment stante li ma kienx imexxi, jamministra gew jikkontrolla l-flejjes jew il-proprjeta` tas-socjeta` *Samic Company Limited*;

1.8 Illi konsegwentement adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jwiegeb lil din il-qorti u jghid ghaliex din m’ghandhiex:

1.8.1. Tiddikjara li l-ittra ufficjali *de quo* hi nulla u bla effett fil-konfront ta' Aaron Gatt Floridia stante li ma gietx segwita l-procedura stabbilita fl-artiklu 59 (2) tal-Att XXIII ta' l-1998, ghaliex ma ntbaghtet l-ebda nota ta' talba ghall-hlas lir-rikorrenti nomine *ai termini* ta' l-imsemmi artiklu;

1.8.2. Tiddikjara li l-istess ittra ufficjali u n-notifika tal-istess huma nulli u bla effett in kwantu nterpellat lir-rikorrenti nomine ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Samic Company Limited*;

1.8.3. Tiddikjara li r-rikorrenti nomine mhux personalment responsabbli ghall-hlas lura tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud kif mitlub stante li mhux direttur tal-kumpanija u ghaldaqstant ma jistax jitqies bhala rapprezentant tal-kumpanija kif kontemplat fl-artiklu 66 ta' l-Att XXIII tal-1998;

1.8.4. Tiddikjara subordinatament li r-rikorrenti nomine mhux personalment responsabbli ghall-hlas lura tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ukoll peress li ma kellux it-tmexxija, l-amministrazzjoni jew il-kontroll ta' flus jew proprjeta` tal-kumpanija *Samic Company Limited*;

1.8.5. Tiddikjara li t-talba tad-Direttur Generali fuq indikat fl-ittra ufficjali fuq riferita hi infondata fil-konfront tar-rikorrenti nomine f'ismu personalment u *di piu`*, ma setghetx issir lanqas bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Samic Company Limited*;

1.8.6. Thassar u tannulla t-titolu ezekuttiv li l-intimat qed jitlob li jigi rez ezegwibbli permezz ta' l-imsemmija ittra ufficjali u konsegwentement, tiddikjara li Aaron Gatt Floridia mhux debitur personalment fl-ammont indikat fl-istess rikors promotur;

1.8.7. Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur Generali;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Generali fuq indikat datat it-3 ta' Novembru, 2009, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti nomine huma nulli u bla effett u konsegwentement, ghandhom jigu michuda;

2.2. Illi rigward l-allegat nuqqas li ma gietx stabbilita l-procedura skont l-artiklu 59 (2) tal-Att XXIII tal-1998 jinghad is-segwenti:

2.2.1. Illi d-Direttur Generali *de quo* jista' jitlob kull taxxa u penali amministrattiva permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas;

2.2.2. Illi jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin (30) gurnata mid-data tan-notifika ta' tali talba l-istess Direttur Generali jista' jghaddi biex jigbor il-hlas dovut bis-sahha tat-titolu ezekuttiv hemm riferit wara jumejn mill-imsemmija notifika;

2.3. Illi fil-kaz odjern, il-persuna taxxabbli hi s-socjeta` *Samic Company Limited*;

2.4. Illi din il-persuna indikata fil-paragrafu precedenti giet notifikata *ai termini* tal-artiklu 59 (2) tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.5. Illi skont l-istess artiklu 59 (2) fuq indikat ma jirrizultax li d-Direttur Generali intimat ghandu jibghat din in-nota ta' talba ghall-hlas ukoll lir-rapprezentanti tal-persuna ikkoncernata meta din ma tkunx persuna fizika;

2.6. Illi l-artiklu 66 tal-Kap 406 fuq riferit jipprovdi distinzjoni specifika bejn il-persuna taxxabbli u r-rapprezentant taghha;

2.7. Illi n-nota ta' talba ghall-hlas ghandha tigi notifikata biss lill-persuna registrata bhala l-persuna taxxabbli, u dan, fil-kaz odjern lis-socjeta` *Samic Company Limited*, u mhux ukoll lid-diretturi taghha;

2.8. Illi l-ammont dovut mis-socjeta` *de quo* lid-Direttur Generali intimat hu dovut sal-gurnata li fiha giet sottomessa fir-Registru tal-Kumpaniji r-rizenja tar-rikorrenti nomine minn direttur tas-socjeta` *Samic Company Limited*;

2.9. Illi ghalkemm ir-rizenja ta' Gatt Floridia saret ferm qabel ma nharget l-ittra ufficjali *de quo*, ma jfissirx li dan ghandu jigi ezonorat mill-obbligi tieghu ta' direttur;

2.10. Illi l-fatt li l-istess Gatt Floridia ma baqax direttur tal-imsemmija socjeta` mis-7 t'April, 2006, hu ghal kollox irrilevanti stante li bhala direttur hu responsabbli ghall-hlas ta' kull taxxa dovuta mis-socjeta` matul il-perjodu li fih kien direttur;

2.11. Illi skont il-ligi tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud, kull direttur ta' kumpanija hu tenut responsabbli ghall-hlas ta' tali taxxa u ghalhekk jista' jigi mharrek kemm personalment kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija li taghha hu jew kien direttur;

2.12. Illi l-allegazzjoni li tirreferi ghall-artiklu 66 (5) tal-Att XXIII tal-1998 li ma tapplikax ghar-rikorrenti nomine stante li ma kellux it-tmexxija, amministrazzjoni jew il-kontroll tas-socjeta` fuq riferita, jinghad li kull rapprezentant hu responsabbli *in solidum* ghall-kumpanija;

2.13. Illi bhala direttur, l-imsemmi rikorrenti nomine Gatt Floridia, hu responsabbli ghall-hlas tat-taxxa tal-kumpanija;

2.14. Salv ecezzjonijiet ohra;

3. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datata s-16 ta' Marzu, 2010, li permezz taghha hatret assistent gudizzjarju biex jisma' l-provi kollha tal-kaz, (ara fol 18);

4. Rat id-digriet taghha datat it-13 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu ordnat li l-inkartament tal-kawza f'idejn l-

assistent gudizzjarju jigi depozitat fl-atti ta' din il-procedura, (ara fol 31);

5. Rat l-atti hekk depozitati, (ara fol 33);

6. Rat id-digriet taghha datat is-27 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu, wara talba tal-partijiet, awtorizzat li s-sottomissjonijiet isiru bil-modalita` hemm indikata;

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti nomine datata l-5 t'April, 2013, flimkien ma' dik tal-intimat Direttur Generali datata l-31 ta' Mejju, tal-istess sena;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

9. Rat l-affidavidijietipprezentati;

10. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

11. Illi l-vertenza in dizamina hi naxxenti minn ittra ufficcjali mibghuta mill-intimati datata t-28 t'Awwissu, 2009, (ara fol 5) indirizzata lill-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti Aaron Gatt Floridia f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Samic Company Limited*;

12. Illi pero` jirrizulta wkoll li ntbaghtet ittra ufficjali ohra datata l-5 ta' Settembru, 2005, din id-darba lil Aaron Gatt u Kenneth Vella personalment u bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` *Samic Company Limited*, (ara fol 49);

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-lanjanzi sollevati mir-rikorrenti nomine jirrigwardaw is-segwenti:

13.1. Illi l-ittra ufficjali tal-intimat kienet nulla stante li ma gietx segwita b'talba ghall-hlas u allura, l-intimat

Direttur Generali ma ottjena l-ebda titolu ezekuttiv favur tieghu;

13.2. Illi r-rikorrenti nomine kien gia` irrizenja min direttur ta’ *Samic Company Limited* qabel ma giet ipprezentata l-ittra ufficjali *de quo* u ghalhekk la kien direttur tal-istess kumpanija u lanqas kellu t-tmexxija, amministrazzjoni, jew kontroll ta’ xi flus jew proprjeta` taghha;

Ikkonsidrat:

14.0. Illi l-artiklu 59 (2) tal-Att XXIII tal-1998 sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

14.1. Illi d-Direttur Generali *de quo* jista’ jitlob il-hlas ta’ kull taxxa u/jew penali amministrattiva dovuta skont il-ligi;

14.2. Illi dan jista’ jaghmlu permezz ta’ nota ta’ talba ghall-hlas;

14.3. Illi jekk il-hlas dovut ma jsirx fi zmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika, id-Direttur Generali *de quo* jista’ jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha ta’ titolu ezekuttiv wara jumejn (2) minn notifika lil dik il-persuna ta’ talba ghall-hlas li ssir permezz ta’ att gudizzjarju;

15. Illi fil-kaz odjern, is-socjeta` *Samic Company Limited* kienet giet debitament notifikata permezz ta’ ittra ufficjali datata l-5 ta’ Settembru, 2005, (ara fol 49), indirizzata wkoll fil-konfront tar-rikorrenti Aaron Gatt Floridia kemm personalment kif ukoll in rapprezentanza tas-socjeta` involuta fuq riferita;

16. Illi *ai termini* tal-artiklu 66 (5) tal-Kap 406 tal-Ligijiet fuq indikati kull rapprezentant ta’ socjeta` ghandu wkoll responsabbilita` solidali mal-persuna li qieghed jirrapprezenta ghat-taxxa dovuta mill-istess persuna;

17. Illi jirrizulta ghalhekk assodat li d-Direttur Generali intimat hareg regolarment id-"*demand notice*" fil-konfront tal-persuna taxxabbli – f'dan il-kaz is-socjeta` *Samic Company Limited* – skont il-ligi, u kien biss sussegwentement ghal dan li indirizza l-vertenza fil-konfront tar-rikorrenti nomine Gatt Floridia, li jirrizulta wkoll debitament regolarment notifikat;

18. Illi ghalhekk, din il-qorti taghmel referenza ghal **Xuereb et vs Kummissarju tat-Taxxi Nterni, Qorti tal-Appell, datata l-31 t'Ottubru, 2008**, u tirribadixxi dak hemm riferit li r-responsabbilita` legali tal-persuni li kienu jokkupaw il-pozizzjoni ta' direttur, ghall-obbligi legali, fosthom dawk fiskali u dawk koncernanti t-taxxi dovuti, tohrog mil-ligi;

19. Illi jirrizulta assodat ukoll li l-ammont dovut mis-socjeta` indikata kien fil-fatt dovut fil-perjodu meta l-imsemmi Gatt Floridia kien ghadu jokkupa l-kariga ta' direttur fl-istess socjeta`;

20. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li l-istess Gatt Floridia, *quo* direttur tal-istess socjeta`, hu responsabbli *in solidum* ghall-hlas ta' kull taxxa dovuta mill-istess socjeta` tul dan il-perjodu li hu kien direttur taghha;

21. Illi *di piu`*, il-fatt li r-rikorrenti nomine ilu jghix barra minn Malta u naqas li jinforma lid-Dipartiment koncernat b'dan it-tibdil drastiku, ma jindikax dik il-*buona fede* rikjesta f'tali cirkostanzi;

22. Illi ghalhekk jirrizulta li naqas fl-obbligi tieghu lejn l-istess Dipartiment kif rikjest fl-artikli 13 (8) u 66 (5) tal-Kap 406 fuq riferit;

23. Illi finalment ghandu jigi sottolineat li l-"*ignorantia*" rikjamata mir-rikorrenti nomine ma tikkoncedi l-ebda konfort lill-istess rikorrenti nomine;

**DECIDE:**

24. Illi konsegwentement, tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti nomine ma ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement:

24.1. Filwaqt li takkolji r-risposta tad-Direttur Generali intimat fl-interezza taghha;

24.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti nomine;

24.3. Bl-ispejjez kollha ta’ din il-procedura kontra l-istess rikorrenti nomine.

___________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------